MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 2015/1997/3

**QORTI CIVILI – PRIM’AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-1 ta’ Novembru 2002**

**Citazzjoni numru 2015/97 GC**

**Ruth Farrugia**

**vs**

**Joseph Farrugia**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Joseph Farrugia fejn gie premess :

Illi huwa ghandu ordni mill-Onorabbli Qorti sabiex jivvaka mill-fond matrimonjali u dan skond digriet tal-Qorti datata 15 ta' Lulju 1998;

Illi l-esponenti huwa s-sid tad-dar matrimonjali peress li kien akkwista din id-dar qabel iz-zwieg u ghadu sal-lum ihallas loan mill-Lohombus;

Illi l-esponenti assolutament ma ghandu ebda post fejn jmur jabita u ommu ghandha dar zghira fejn jista' jghix bniedem wiehed biss specjalment minhabba l-fatt li hemm kamra tas-sodda wahda;

Illi l-intimata ilha li telqet mid-dar matrimonjali madwar sena u nofs ilu u intavolat ir-rikors madwar sena wara;

Illi l-Onorabbli Qorti dahlet fil-kwistjoni tal-“hardship” tal-partijiet u ikkonkludiet illi l-intimata qiegheda tghix “f'kondizzjonijiet difficli hafna”;

Illi l-esponenti ghandu introjtu ta' circa mija u tletin liri Maltin (Lm130) li minnhom jrid jghix peress li ghandu invalidity pension minhabba xi marda li ghandu;

Illi l-intimata facilment tista tahdem u taqla l-ghehxien taghha minhabba l-fatt li ma tbati bl-ebda dizabilita u kapaci taqla l-ghejxien taghha;

Illi r-rikorrenti ser issirlu hsara irriversibbli jekk jinhareg mid-dar fejn qieghed joqghod;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li dina l-Qorti tirrevoka d-digriet precedenti u takkorda lir-rikorrent ir-residenza esklussiva

tad-dar li tinsab gewwa nru 2, Triq L-Immakulata Kuncizzjoni, Zabbar;

Rat ir-risposta tal-intimata Ruth Farrugia fejn gie sottomess:

Illi din il-Qorti diversament presjeduta bid-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1998 a tenur ta' l-artikolu 46 tal-Kodici Civili, ordnat lil Joseph Farrugia biex johrog mid-dar matrimonjali u li l-esponenti jkollha dritt tibqa' toqghod hi fid-dar matrimonjali *pendente lite*;

Illi qabel waslet ghad-decizjoni taghha, din il-Qorti kellha l-opportunita' tisma ix-xhieda kemm ta' l-esponenti kemm tal-konvenut Joseph Farrugia;

Illi minn meta inghata id-digriet sallum ma kien hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-partijet u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tibdel id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1998. Il-konvenut bl-ebda mod ma pprova jappella minn dak id-digriet u llum ma ghandux jithalla jipprova johloq mezz ta' appell bil-procedura odjerna;

Illi kontra dak li jghid fir-rikors tieghu il-konvenut, huwa kien joqghod regolarment fid-dar ta' ommu;

Illi l-esponenti ma ghandha ebda kamra fid-dar t'ommha u kienet qegheda torqod fil-kcina mal-art, waqt li l-konvenut ghandu kamra tieghu fid-dar t'ommu;

Illi l-konvenut jidher li kien juza d-dar matrimonjali biss jew principalment biex jiltaqa' fiha mal-hbieb tieghu;

Ghalhekk l-intimata talbet, ghar-ragunijiet premessi u dawk li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors jekk ikun il-kaz, li t-talba tar-rikorrenti tigi michuda;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti, b'mod partikolari d-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju 1998 li hu imsemmi fir-rikors promotur;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2002;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrenti ghamel referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju 1998 li bih huwa gie ordnat li jizgombra mid-dar konjugali, f'liema dar kellha tabita martu l-intimata u dana "pendente lite" sakhemm jigu decizi l-proceduri tas-separazzjoni. Ir-rikorrenti qed jitlob li l-imsemmi digriet jigi revokat u r-rikorrenti jigi awtorizzat jghix fid-dar konjugali, cioe' d-dar numru 2, Triq L-Immakulata Kuncizzjoni, Zabbar, ad eskluzjoni ta' martu l-intimata;

Ir-rikorrenti qed jippretendi li din it-talba tieghu tigi akkolta peress li l-imsemmija dar konjugali tappartjeni esklusivament lilu, peress li huwa issa qed joqod go dar zghira ma ommu, peress li kienet l-intimata li kienet telqet mid-dar konjugali, peress li l-introjtu tieghu hu baxx u peress li fic-cirkostanzi presenti ser issirlu hsara irriversibbli. Mill-imsemmi digriet precedenti jidher li dan kollu ttiehed in konsiderazzjoni meta nghata l-istess digriet. In effett ma jirrizulta xejn gdid li jista jipprovoka xi tibdil fl-istess digriet. L-uniku fatt gdid li jirrizulta hu li sfortunatament mietet omm ir-rikorrenti u dan jista jfisser li issa r-rikorrenti ghandu iktar spazju fil-fond fejn qed jabita;

Minn meta nghata l-imsemmi digriet sallum ma kien hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet tant li jista jinghad li hemm raguni valida ghala l-istess digriet ghandu jigi varjat skond kif qed jitlob ir-rikorrenti;

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.